MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 145/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Leonard Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Leonard Caruana talli:

(1) fid-9 ta’ Novembru 2008 ghall-habta tat-8.00 a.m. waqt li kien qieghed b’opra tal-bahar f’Wied iz-Zurrieq, kien qed jistad b’xibka f’zona riservata ghas-sajd;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqaf f’zona ristretta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-Avviz Marittimu Nru. 5 tas-sena 2008, u l-artikolu 36 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Leonard Caruana hati u kkundannatu multa ta’ elf euro (€1000.00);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Leonard Caruana pprezentat fis-26 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija jew, alternattivament, tvarja l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mill-provi prodotti m’hemmx ic-certezza legali mitluba fil-kamp kriminali li kien f’zona ristretta. Il-prova li ngabet hi wahda soggetta ghal interpretazzjoni personali, anke meta wiehed jifli l-prova tal-video, billi ma hemmx punti ta’ riferenza bizzejjed biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-appellant kien f’zona ristretta. Lanqas ma jista’ jinghad b’certezza li s-sinjali f’qiegh il-bahar effettivament saru mill-parit ta’ l-appellant; (2) li, minghajr pregudizzju, jekk kien jinsab fiz-zona ristretta, dan ma kienx b’mod volontarju izda minhabba l-elementi tal-bahar u kurrent li dwarhom m’ghandux kontroll. Kieku ma tellax il-parit mill-bahar, seta’ jikkaguna hsarat ingenti fil-proprjeta` tieghu u jipperikola lil terzi; (3) li, minghajr pregudizzju, ix-xibka li kellu ma kinitx tat-tkarkir imma parit u dan jaghti kredibilita` lill-verzjoni tieghu li huwa kien tefa’ x-xibka ferm ‘il boghod u kienu kurrenti qawwija tal-bahar li kaxkru l-irkaptu u haduh fil-post fejn effettivament instab. Kieku ma gabarx l-irkaptu, kien jikkaguna diversi perikoli, fosthom lill-ambjent billi l-hut li jinqabad imut fix-xibka, kif ukoll lill-ghaddasa fil-inhawi tal-vapur Um el Faroud, u dan

barra t-telfien ta' l-ghodda tieghu tas-sajd li huwa l-uniku mezz ta' ghixien tieghu; (4) li, minghajr pregudizzju, l-agir ta' l-appellant kien dak li hu maghruf bhala *jus necessitates*. Galadarba l-kurrenti tal-bahar wasslu l-irkaptu tas-sajd f'dik iz-zona, kellu biss triq wahda u cioe` li jidhol f'dik iz-zona sabiex jerfa' l-irkaptu, u dan kien jinnecessita waqfiet qosra; (5) li, minghajr pregudizzju, ir-reat addebitat huwa delitt u ghaldaqstant tinhtieg il-prova tal-*mens rea*. Huwa qatt ma kellu l-intenzjoni jidhol f'zona ristretta peress li hemm jinsab mgharraq l-Um el Faroud u kull tfieh ta' xibka jisfa mitluf billi din tehel u titqatta'. Dan qed jinghad billi l-inhawi riservati huma ristrettissimi u m'hemmx fejn wiehed jistad bix-xibka minghajr ma jinkorri hsarat personali; (6) li, minghajr pregudizzju, il-piena nflitta, ghalkemm fil-parametri tal-ligi, hi wahda eccessiva peress illi ma wettaqx att volontarju li jistad billi kull ma ghamel kien li refa' parit li ntefa' 'l boghod miz-zona ristretta.

Xehdu quddiem din il-Qorti, Victor Micallef, li gibed il-video li gie esebit quddiem l-ewwel Qorti u li ntwera fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti, Patrick Pollacco, li jahdem bhala *enforcement manager* ma' Transport Malta li esebixxa mill-gdid dokumenti li jindikaw iz-zona ristretta, inkluz, bil-permess ta' din il-Qorti, pjanta li turi l-perimetru u l-kejl ta' din l-areja, kif ukoll l-appellant stess.

Minn dawn il-provi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellant kien qieghed entru l-perimetru taz-zona ristretta in kwistjoni. Victor Micallef xehed illi x-xibka ta' l-appellant kienet bejn l-art u l-Um el Faroud. Qal illi meta l-appellant tella' x-xibka, hu u *divers* ohrajn nizlu u fil-fatt hu ha anke filmat ta' dak li ddeskriva "qisu marka li halliet fuq ir-ramel ic-comb tax-xibka", u li dawn kienu xi hamsin metru boghod mix-xatt. Mill-filmat din il-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda dubju dwar il-vicinanza ta' l-appellant max-xatt.

Issa, l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu jghid illi huwa ma kellux xibka tat-tkarkir. Pero` ma giex allegat li kellu xibka tat-tkarkir. L-appellant jghid li kellu parit u li dan ikun xi metru jew metru u nofs mill-qiegh. Interessanti hu li

filwaqt illi fir-rikors jghid illi huwa kien tefa’ ferm ‘il boghod u kienu l-elementi tal-bahar li garrewlu x-xibka minn fejn kien qieghed itella’, meta xehed ma qal xejn min dan. Anzi jghid: “Jien hemmhekk kelli x-xibka kont erfajtha, gbartha jigifieri u mort ghal iehor. Ghax barra hemmhekk kelli giex bnadi ohra”. Issa, bhalma hemm indikat fl-Avviz lill-Bahhara Nru, 5 ta’ l-2008 “Sajd tal-wiċċ biss huwa permess, inkluż trejjix u sajd bil-qasba għall-ħut tal-wiċċ.” L-appellant ma kien qieghed jaghmel l-ebda wiehed minn dan il-generu ta’ sajd.

Konsegwentement l-aggravji fil-mertu huma kollha michuda.

L-appellant jilmenta wkoll mill-piena. In materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Il-piena hi fil-parametri tal-ligi. Inoltre mix-xiehda li ta l-appellant huwa evidenti li kien jaf precizament fejn kien qieghed jistad. Ghalhekk m’hemmx lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.